MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2006

Appell Civili Numru. 1061/1985/1

**Aldo Laferla**

**v.**

**Albert Mizzi ghan-nom u in rappresentanza ta’ Central Mediterranean Development Corporation Limited (C453) u b’digriet tas-7 ta’ Awissu, 1985 Dr. Paul Micallef u l-Prokuratur Legali George Scicluna gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti Louis Sala u b’digriet tas-7 t’Awissu, 1985 Dr George Degaetano gie nominat kuratur deputat biex jirrapresenta lill-assenti Jim Greenwood u b’digriet tal-5 ta’ Dicembru**

**1985 Dr. Paul Micallef gie sostitwit b'Dr. Joseph Azzopardi u b'digriet tas-17 ta' Ottubru, 1986 Louis Sala assuma l-atti tal-kawza u gew mahruga l-kuraturi u b' nota tas-6 ta' Dicembru, 1995 Dr. George Degaetano assuma l-atti tal-kawza minflok Louis Sala li jinsab imsiefer u b'digriet tat-3 ta' April 1998 gew kjamati fil-kawza Evan Debrincat u Patrick Vella ghan-nom ta' PDK Investments Limited (C8443) u b'digriet tat-30 ta' Marzu 2005 stante l-mewt ta' Louis Sala fil-mori tal-kawza il-gudizzju gie trasfuz f'isem martu Pauline Florence Sala u b'digriet tas-7 ta' April 2005 stante l-mewt ta' Jim Greenwood fil-mori tal-kawza, il-gudizzju gie trasfuz f'isem martu Constance Greenwood u b'digriet tal-24 ta' April, 2006 l-Avukat Dottor Vincent Galea u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapresentaw lill-assenti Pauline Florence Sala mart Louis Sala u l-Avukat Dottor Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud gew nominati bhala kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-assenti Constance Greenwood mart Jim Greenwood.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari;**

B'citazzjoni intavolata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Lulju 1985, l-attur ppremetta illi huwa proprjetarju ta' Villa maghrufa bhala "The Leas", mibnija fuq plots numru 276 u 277 gewwa Santa Marija Estate, Mellieha, waqt li s-socjeta` konvenuta li zviluppat l-istess estate ghadha proprjetarja u hekk responsabbli ghat-toroq u gandotti ghad-defluss ta' l-ilma, u l-assenti Greenwood u Sala huma proprijetarji tal-vilel f'livell iktar gholi min-naha ta'-lvant tal-villa ta' l-attur, li tircevi ghalhekk ix-xebgha tal-ilma mit-toroq u gandotti tal-konvenut Mzzi nomine u mill-vilel ta' l-assenti Greenwood u Sala; illi mhabba nuqqas ta' kura fil-manutenzjoni u/jew kostruzzjoni hazina tal-

gandotti ghad-defluss tal-ilma u ta' drenagg, f'iktar minn okkazzjoni wahda, minhabba inondazzjoni provenjenti mit-toroq u mill-vilel tal-konvenuti, mhux biss ta' ilma izda anki ta' "overflow" mid-drenagg, fil-bini, fis-swimming pool u fil-mobili tal-villa tieghu, l-attur sofra danni; dan premess l-attur talab li:

1) il-konvenuti jigu kundannati ihallsu lill-attur dik is-somma li tigi likwidata bhala l-ammontanti tad-danni sofferti minnu bhala konsegwenza tal-istess inondazzjonijiet u dan fil-proporzjonijiet li jigu, jekk ikun hemm bzonn, stabiliti;

2) jigu kundannati jesegwixxu dawk ix-xogholijiet kollha li jirrizultaw necessarji biex tigi evitata r-ripetizzjoni tal-istess inondazzjonijiet, u dana fi zmien qasir li jigi lilhom fissat; u

3) bl-awtorizazzjoni lill-attur fin-nuqqas li jaghmel l-istess xogholijiet hu fil-proprijetajiet ta' l-istess konvenuti u bi spejjez taghhom; dejjem taht id-direzzjoni ta' Perit li jigi ghal dan l-iskop nominat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu mharrka ghas-subizzjoni.

Illi permezz ta' nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Dottor George Degaetano ghan-nom ta' Jim Greenwood eccepixxa:

1) Illi l-azzjoni ta' l-attur qatt ma tista' ssehh fil-konfront tal-eccipjent ghar-raguni li, kif jirrizulta ampjament mill-istess citazzjoni, l-ilmenti jirrigwardaw l-allegat nuqqas ta' manutenzjoni tat-toroq u gandotti u/jew difetti fil-kostruzzjoni taghhom li lkoll kienu u ghadhom responsabbilita` tas-socjeta` konvenuta;

2) Illi minghajr pregudizzju tal-premess, il-villa tal-attur bis-swimming pool maghha jinsabu fil-qiegh tat-territorju maghruf bhala il-"Wied ta' Ghajn Zejtuna" bil-konsegwenza naturali li, minhabba l-livell baxx u l-konfigurazzjoni tal-vallata, bilfors li f'xita eccezzjonali, l-ilmijiet jingemghu lejn l-inhawi ta' l-attur.

3) Illi skond id-disposizzjoni tal-Art. 440 tal-Kodici Civili l-proprjeta` tal-attur trid tilqa' l-ilmijiet provenjenti minn proprjetajiet li jinsabu f'livell aktar gholi.

4) Illi inoltre skond il-pattijiet tal-koncessjoni originali mis-socjeta` konvenuta a favur l-awtur tal-proprjeta` 'de quo' l-art hekk trasferita giet soggetta ghas-servitu` passiv versu l-istess socjeta` tal-passagg tal-ilma.

Illi, permezz ta' Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' Dottor Joseph Azzopardi u l-Prokuratur Legali George Scicluna nomine ghall-assenti Louis Sala dawn il-konvenuti eccepew illi mhumiex edotti bil-fatti li taw lok ghal din il-kawza u kwindi rriservaw id-dritt li jipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Is-socjeta` konvenuta CENMED eccepiet:

1. Illi dak li l-attur allega li gralu, jekk gralu, kien dovut ghall-posizzjoni tal-fond tal-attur li qieghed f'terren accidentat taht gholja.

2. Is-socjeta` eccpjenti ma hix responsabbli la fil-fatt u lanqas fid-dritt ghal dak li gara.

Il-konvenut Louis Sala eccepixxa:

1) Illi l-azzjoni ta' l-attur inkwantu diretta kontra tieghu hija inammissibbli ghar-raguni, *inter alia*, li l-ilmenti allegati mill-attur li fuqhom tinsab bazata c-citazzjoni jirrigwardaw essenzjalment jew difetti fil-kostruzzjoni tat-toroq f'Santa Marija Estate, Mellieha, u l-gandotti tal-ilma jew f'xi nuqqas ta' manutenzjoni taghhom – li lkoll kienu u ghadhom responsabilita` tad-developers li huma s-socjeta` konvenuta.

2) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, meta l-attur akkwista l-villa tieghu kien jaf sewwa li kienet giet mibnija fuq plot fil-qiegh tal-vallata tat-territorju maghruf bhala "Il-Wied ta' Ghajn Zejtuna" l-Mellieha bil-konsegwenza naturali li, f'kazijiet ta' xita eccezzjonali, l-

ilmijiet min-naha ta' fuq il-vallata jingemghu lejn id-direzzjoni tal-villa tal-attur.

3) Illi inoltre skond id-disposizzjoni tal-Art. 440 tal-Kodici Civili l-proprjeta` tal-attur li kif inghad tinsab fil-livell baxx tal-vallata, trid tilqa' l-ilmijiet provenjenti minn proprjetajiet li jinsabu f'livell aktar gholi.

4) Illi l-attur kien akkwista l-villa tieghu taht il-pattijiet u kundizzjonijiet tas-subkoncessjoni originali imposti mis-socjeta` konvenuta fosthom tal-passagg tal-ilma u servizzi ohra fuq l-istess proprjeta`.

Il-konvenut Evan Debrincat eccepixxa:-

1) Illi l-azzjoni ta' l-attur kellha issir biss fil-konfront tas-socjeta` konvenuta Central Mediterranean Development Limited (CENMED) u mhux fil-konfront tal-kontendenti l-ohra, stante li l-ilmenti kollha tal-attur jirrigwardaw il-kostruzzjoni u manutenzjoni tat-toroq u s-servizzi l-ohra ta' Santa Marija Estate, Mellieha, li minn dejjem kienu u sa issa baqghu, ir-responsabbilita` ta' din is-socjeta`.

2) Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attur meta akkwista l-villa tieghu kien jaf sewwa li din inbniet mill-predecessur tieghu fil-qiegh tal-wied maghruf bhala 'Il-Wied ta' Ghajn Zejtuna', u li minhabba sia l-livell baxx kif ukoll il-konfigruazzjoni tal-wied, kien evidenti li f'okkazzjonijiet rari ta' xita eccezzjonali, l-ilmijiet provenjenti mill-gholja ta' fuq bilfors jingemghu fil-qiegh tal-wied fl-inhawi tal-villa ta' l-attur.

3) Illi skond id-disposizzjonijiet tal-Art. 403 tal-Kodici Civili l-proprjeta` tal-attur trid tilqa' l-ilmijiet provenjenti minn proprjetajiet li jinsabu f'livell aktar gholi.

4) Illi fl-att koncessjoni subenfiteutika originali bejn CENMED u l-awtur ta' l-attur, gie espressament stipulat il-fond ta' l-attur kien soggett ghas-servitu` passiv versu s-socjeta` tal-passagg tal-ilma.

Is-socjeta` PDK Investments Limited eccepiet:

Preliminarjament il-preskrizzjoni ta' sentejn fil-konfront taghha ghal dak li jikkoncerna t-talba ta' responsabbilita` u kundanna ghal hlas ta' danni.

Illi ma hemmx relazzjoni guridika bejn l-attur u PDK Investments Limited li xtrat il-proprjeta` snin wara li gara l-incident in kwistjoni minghand terzi.

Fil-meritu, fi kwalunkwe kaz PDK Investments Limited ma tista' qatt tigi tenuta responsabbli ghal xi haga li hi lanqas biss kellha x'taqsam meta gara l-incident in kwistjoni.

Illi l-azzjoni ta' l-attur kellha issir biss fil-konfront tas-socjeta` konvenuta Central Mediterranean Development Limited (CENMED) u mhux fil-konfront tal-kontendenti l-ohra, stante li l-ilmenti kollha ta' l-attur jirrigwardaw difetti fil-kostruzzjoni u manutenzjoni tat-toroq u servizzi l-ohra ta' Santa Marija Estate, Mellieha, li minn dejjem kienu, u sa issa baqghu, ir-responsabbilita` ta' din is-socjeta`.

Illi minghajr pregduizzju ghal-premess, l-attur meta akkwista l-villa kien jaf sewwa li din inbniet mil-predecessur tieghu fil-qiegh tal-wied maghruf bhala l-"Wied ta' Ghajn Zejtuna", u li minhabba, sia l-livell baxx kif ukoll il-konfigurazzjoni naturali tal-wied, kien evidenti li f'okkazzjonijiet rari ta' xita eccezzjonali, l-ilmijiet provenjenti mill-gholja ta' bilfors jingemghu fil-qiegh tal-wied fl-inhawi tal-villa ta' l-attur.

Illi skond id-disposizzjonijiet tal-Art. 403 tal-Kodici Civili, il-proprjeta` tal-attur trid tilqa' l-ilmijiet provenjenti minn proprjetajiet li jinsabu f'livell aktar gholi.

Illi fl-att koncessjoni subenfitewtika originali bejn CNMED u l-awtur ta' l-attur, gie espressament stipulat il-fond tal-attur kien soggett ghas-servitu` passiv versu s-socjeta` tal-passagg ta' l-ilma versu s-socjeta` koncedenti u s-successuri taghha.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza moghtija fis-7 ta' Jannar 2004, il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi laqghet it-talbiet attrici u kkundannat lis-socjeta` konvenuta Central Mediterranean Development Corporation Limited thallas lill-attur is-somma ta' mija u tletin Liri Maltin (LM130.00) bhala danni sofferti mill-istess attur b'konsegwenza ta' l-incident tal-1 ta' Jannar, 1985. Laqghet ukoll it-tieni talba attrici fil-konfront tas-socjeta` Central Mediterranean Development Corporation Limited u kkundannat lill-istess socjeta` biex tezegwixxi dawk ix-xogholijiet kollha ta' manutenzjoni regolari sabiex is-sistema jibqa' jiffunzjona adegwatament u sabiex tigi evitata ripetizzjoni ta' l-inondazzjonijiet imsemmija u dan fi zmien tlett xhur mid-data ta' l-imsemmija sentenza. Laqghet ukoll it-tielet talba attrici fis-sens illi awtorizzat lill-attur biex fin-nuqqas li jsir x-xoghol indikat fir-relazzjoni peritali jkun awtorizzat li jaghmilhom hu in segwitu ta' rikors specifiku u b'nomina ta' Perit ghal dan l-iskop u dan bi spejjez tas-socjeta`` Central Mediterranean Development Corporation Limited. Finalment ordnat li l-ispejjez tal-kawza jithallsu kwantu ghall-zewg terzi (2/3) mis-socjeta` konvenuta Central Mediterranean Development Corporation Limited, u parti minn disgha (1/9) kull wiehed mill-attur u mill-konvenuti Greenwood u Sala u dana wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:
"Illi jirrizulta li d-ditta konvenuta Central Mediterranean Development Corporation Limited zviluppat l-estate ta' Santa Marija. Hi akkwistat l-enfitewsi temporanji tal-area kollha fl-1963 u bejn il-1967 u l-1968 ittrasferiet is-sub-enfitewsi temporanja tal-plots 427 u 428 lill-aventi kawza ta' l-attur. Huma relevanti l-Artikoli 3,4 u 7 li kienu inkluzi fil-ftehim. Irrizulta li l-proprjeta` tal-attur sofriet danni kagjunati minn ilmijiet li nizlu fil-proprjeta` tieghu mit-triq. Irrizulta li kawza tan-nuqqas ta' pjanar tajjeb u manutensjoni tat-toroq l-attur sofra danni. Il-hsara grat minhabba nuqqas ta' pjanar tad-drenagg adegwat ghall-massa ta' ilma li tinzel u ghalhekk ghandhom jittiehdu rimedji mis-socjeta` Cenmed.

"Is-socjeta` konvenuta Cenmed eccepiet li dak li gara lill-attur kien dovut ghall-pozizzjoni tal-fond tal-attur li kien

qieghed f’terren accidentat taht gholja. Illi din il-Qorti tichad din l-eccezzjoni minhabba li irrizulta li l-kawza tal-hsarat tal-proprjeta` tal-attur kienet dovuta ghal pjanar mhux adegwat tat-toroq tal-estate kif ukoll ghal nuqqas ta’ manutensjoni.

“Dwar it-tieni eccezzjoni tal-istess socjeta` li s-socjeta` mhix responsabbli la fil-fatt u lanqas fid-dritt ghal dak li gara mhix sostenibbli minhabba l-fatt li tali eccezzjoni giet moghtija minghajr ma fil-verita` spjegat jew indikat ir-raguni ghaliex m’ghandux ikun hemm responsabbilita` tal-eccipjent. Fil-fatt irrizulta li r-responsabbilita` kienet proprju tas-socjeta` Cenmed u ghalhekk din il-Qorti tichad ukoll din it-tieni eccezzjoni.

“Jim Greenwood, Louis Sala u Evan Debrincat fl-ewwel eccezzjoni taghhom u PDK Investements Limited fir-raba’ eccezzjoni taghha eccepew li l-ilmenti jirrigwardaw nuqqas ta’ manutensjoni tat-toroq u gandotti u difetti fil-kostruzzjoni taghhom li lkoll kienu responsabbilita` tas-socjeta` konvenuta u ghalhekk l-azzjoni ma setghetx tirnexxi fil-konfront taghhom. Gie ppruvat fil-kors tal-kawza li bhala stat ta’ fatt in-nuqqas kien proprju kif eccepit u ghalhekk il-Qorti tilqa’ din l-eccezzjoni. Ma hux il-kaz li tezamina l-eccezzjonijiet l-ohra.”

**L-appell tas-socjeta` Central Mediterranean Development Corporation Limited (Cenmed).**

Is-socjeta` konvenuta Cenmed hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b’rikors pprezentat fis-26 ta’ Jannar 2004, talbet li din il-Qort joghgobha (i) tikkonferma dik is-sentenza fejn ikkundannat lill-attur u lill-konvenuti Greenwood u Sala jhallsu parti mill-ispejjez tal-kawza; (ii) tirrevokaha fir-rigward tar-rimanenti u ghalhekk (iii) tichad it-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta` appellanti, bl-ispejjez kollha kontra l-attur appellat u l-appellati l-ohra.

L-attur appellat rrileva li s-sentenza appellata hija gusta u ghalhekk timmerita konferma anke ghar-ragunijiet moghtija fir-risposta tieghu.

Constance Greenwood u Pauline Nutt, li ssuccedew lill-konvenuti Jim Greenwood u Louis Sala, li mietu fil-mori tal-kawza wkoll issottomettew li s-sentenza hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk talbu li l-appell tas-socjeta` Cenmed jigi michud bl-ispejjez kontra taghha.

Il-kuraturi Dottor Vincent Galea u l-P.L. Victor Bugeja u Dottor Mark Busuttil u P.L. Veronica Rossignaud, ghall-partijiet minnhom rapprezentati, irrizervaw il-posizzjoni taghhom billi mhux edotti mill-fatti.

Finalment Evan Brincat intavola nota, li sussegwentement giet accettat bhala risposta ghall-appell tas-socjeta` Cenmed, fejn talab li l-appell fuq imsemmi jigi michud u s-sentenza kkonfermata.

**L-aggravji tas-socjeta` appellanti.**

Is-socjeta` appellanti ressqet erba' aggravji kontra s-sentenza appellata. Dawn jghidu li:-

a) Dak li gara, gara proprju minhabba xogholijiet strutturali ezegwiti mill-attur u Greenwood u Sala minghajr l-approvazzjoni tal-konsulenti tas-socjeta` appellanti u bi ksur tal-klawsola numru 4 tal-kuntratti.

b) Ma nghata ebda kaz tas-servitu kostitwita bil-klawsola numru 7 tal-kuntratti relattivi.

c) Li t-toroq kienu ppjantati sew u kien biss bil-binja ta' l-attur, Greenwood u Sala li ostakolaw in-"natural flow" li gara dak li gara.

d) Li t-toroq kienu kostruwiti sodisfacjentement u ghalhekk ma kienx hemm lok ghal kundanna ghax-xogholijiet rimedjali.

**Ikkunsidrat:**

Qabel xejn ghandu jigi rilevat li t-toroq ta’ Santa Marija Estate, li jinsabu fl-inhawi tal-proprjeta` ta’ l-attur, kienu, fid-data ta’ l-incident, u ghadhom sal-lum, proprjeta` tas-socjeta` appellanti u bhala tali din l-istess socjeta` hija responsabbli ghall-manutenzjoni ta’ l-istess.

Illi dwar l-ewwel aggravju s-socjeta` appellanti qed tilmenta li dak li gara sehh minhabba s-“swimming pool” kostruwita mill-attur u t-tumbati ossia ‘ramps’ li gew kostruwiti mill-konvenuti Greenwood u Sala.  Izda, fir-rigward tat-tumbati, jirrizulta ampjament fl-atti tal-kawza li dawn saru fuq suggeriment ta’ l-istess socjeta` konvenuta appellanti – ara f’dan ir-rigward l-ittra tal-5 ta’ Ottubru 1983 (Dok K8) tar-rapprezentant ta’ l-istess socjeta` appellanti u cioe` Raymond Bonnici, indirizzata lill-attur fejn dan issugerixxa li jsiru dawn ir-rampi minn Greenwood u Sala biex ma jidholx hafa ilma fil-proprjeta` taghhom li wara jaqa’ fuq il-proprjeta` ta’ l-attur.

Illi fir-rigward tas-swimming pool kostruwita mill-attur din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jinghad fir-rapport tal-Perit David Pace u Dr Depasquale u senjatament a fol. 125 u cioe` “*illi ghalkemm kif jammetti l-attur stess huwa ma ssottomettiex il-pjanta tas-swimming pool ghall-approvazzjoni tal-periti tal-istess socjeta`, ma jirrizultax illi s-swimming pool kif kostruwita fil-fatt ostakolat in-“natural flow” stipulata mill-ligi bhala servitu reali gravanti l-fond ta’ l-attur; kif gja inghad il-flow ta’ ilma li rceva l-attur u li kkawzalu d-danni in kwestjoni ma kienitx in-nixxiegha naturali illi l-ligi timponi fuq l-attur illi jilqa’ izda nixxiegha prokurata mill-fatt tal-bniedem – precizament b’rizultat tal-konfigurazzjoni tat-toroq krejata mill-istess socjeta` konvenuta.*” Ma’ dan din il-Qorti taqbel pjenament.

Inoltre jigi osservat, kif sewwa irrileva l-attur fir-risposta tieghu, il-pool setghet tilqa’ u tikkonserva l-ilma li jinzel fix-xhur tax-xitwa u qatt ma setghet taggrava s-sitwazzjoni b’mod li l-ilma zejjed jidhol fil-proprjeta` ta’ l-istess attur.

Dan l-aggravju u konsegwentement ukoll it-tielet aggravju jirrizultaw mhux gustifikati u qed jigi michud.

**Ikkunsidrat:**

Il-klawsola 7 tal-kuntratt ta' l-akkwist tghid espressament illi "*The grantee agrees to grant to the company for the term of this subemphyteutical concession, the right of passage of running water and soil and other essential services or any connections made, or to be made, in or over through the plot of land.*" Qed jigi sottomess mis-socjeta` appellanti li din il-klawsola kienet intiza proprju sabiex ma jinqalghux incidenti bhal kaz in ezami. Hawn is-socjeta` appellanti terga' issemmi l-pool u t-tumbati li, skond hi saru kontra d-divjet kontenut fil-klawsola 4 tal-kuntratt, biss kif rajna aktar 'l fuq fil-kaz tat-tumbati dawn saru fuq suggeriment ta' l-istess socjeta` appellanti u l-pool bl-ebda mod ma fixklet in-*natural flow* tal-ilma.

Oltre dan din il-Qorti hija tal-fehma li din il-klawsola mhux intiza biex tnehhi kull responsabbilita` li jista' jkun hemm f'kaz ta' inondazzjonijiet izda hija marbuta ma' l-istallazzjoni ta' servizzi fl-inhawi b'mod li s-sidien tal-plots/vilel ma jkunux jistghu joggezzjonaw ghax-xogholijiet mehtiega fil-proprjetajiet taghhom. Din l-klawsola ghalhekk ma timponi ebda obbligu akbar minn dak li huwa stabbilit fl-Artikolu 403 tal-Kodici Civili u f'kaz li jirrizulta li l-inondazzjoni sehhet minhabba fatt tal-bniedem, kif jirrizulta fil-kaz prezenti, ir-responsabbilita` taqa' fuq minn jkun ghamel dawk ix-xogholijiet. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi michud.

**Ikkunsidrat:**

Finalment qed jigi osservat li s-socjeta` appellanti wetqet l-obbligu taghha ta' kostruzzjoni tat-toroq fl-estate ta' Santa Marija b'mod sodisfacjenti u konsegwentement ma kienx hemm lok li jkun hemm kundanna biex jsiru xogholijiet rimedjali. F'dan ir-rigward jigi osservat minn din il-Qorti li l-kundanna ta' l-ewwel Qorti kienet tikkoncerna biss xogholijiet ta' manutensjoni regolari biex is-sistema ezistenti tibqa' tiffunzjona. Dan effettivament kien dak li qalu l-periti mahtura mill-Qorti billi dak kontenut fil-paragrafu (06) tar-rapport tal-periti addizjonali dwar provvista ta' sistema ta' katusi li jghinu biex l-ilma ma

jkomplix jingabar fl-aktar post baxx, kien biss suggeriment u ghalhekk ma tara ebda sens f'dan l-aggravju li konsegwentement qed jigi michud.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` Central Mediterranean Development Corporation Limited qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata * "b'dan illi t-tlett xhur zmien sabiex isiru x-xogholijiet kollha ta' manutensjoni sabeix is-sistema jibqa' jiffunzjona adegwatament u sabiex tigi evitata r-repetizzjoni tal-inondazzjoni fuq imsemmija ghandhom jibdew jiddekorru mid-data ta' din is-sentenza" bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza ghas-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

* Zieda awtorizzata b'digriet tad-9 ta' Jannar, 2007.